MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 46

It-Tnejn, 16 ta' April, 2018

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Johann Borg (JBO) Kunsillier

Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop (MMC) Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

ASSENTI

Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is- Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 46.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

46.1.1. Is-Sindku JC informa li l-Kunsillier JBO u l-Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ MMC ma setgħux ikunu preżenti u talbu li tkun skużata.

46.1.2. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 46.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

46.2.1. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tal-ħamsa u erbgħin (45) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

46.2.1.1. Il-Viċi Sindku JB talab li qabel minuta 45.4.1.2 jiżdied il-kliem "Il-Viċi Sindku ippresida l-laqgħa. Il-Kunsill qabel.

46.2.1.2. Il-Kunsillier SZ talab li jiżdied it-test "mal-Awtorita' tal-Ippjanar." Fl-aħħar ta' minuta 45.9.2. Il-Kunsill qabel unanimament

46.2.1.3. Saret referenza għall-minuta 45.17.1. Il-Kunsill qabel li jiżdiedu l-kliem "kif ukoll maqbul f'seduti preċedenti" wara l-kelma prinċipju, u il-kliem "li għad hemm riservi" fl-aħħar tal-minuta. Il-Kunsill qabel unanimament.

46.2.1.4. Il-Kunsilliera JBD ressqet mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku JB favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

46.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għall-minuta 45.2.4 li titratta linji ta' Triq il-Port Hieles. Huwa informa li talab lil-perit tal-Kunsill sabiex jieħu ħsieb il-korrezzjonijiet u d-disinni rikjesti.

46.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għall-minuta 45.2.5 li titratta Inġineer għall-proġett tad-dwal ta' Pretty Bay. Huwa informa li kif maqbul, inbidel l-inġiner, saret laqgħa ta' introduzzjoni, kif ukoll *site visit* mal-Kunsillier SZ.

46.2.4. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għall-minuta 45.2.6 li titratta laqgħa dwar it-Trasport Pubbliku. Huwa informa li saret il-laqgħa fejn il-Kunsill kien infurmat li il-problemi ser jitnaqqsu hekk kif dalwaqt ser jiżdiedu x-xufiera. Il-Kunsill kien

informat ukoll li ser isiru xi arranġamenti fir-rotot. Il-Kunsillier AC tkellem ukoll dwar il-bus shelters fejn il-Kunsill huwa mitlub li jibgħat it-talbiet relevanti.

46.2.5. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għall-minuta 45.2.8 li titratta ilma baħar fi Triq San Gorg. Huwa informa li intbagħtu numru ta' *reminders* inkluż lill-Perit Vassallo. Il-Perit Vassallo informa li qed jaħdem fuq il-materja, u ser jorganizza laqgħa wara nofs April.

46.2.6. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għall-minuta 45.2.10 li titratta twaħħil ta' *impact bollards* quddiem Triq iż-Żejtun. Huwa informa li ntbagħtet *reminder* lil Transport Malta.

46.2.7. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għall-minuta 45.2.14 li titratta laqgħa mal-GHRC dwar riġenerazzjoni. Huwa informa li din għadha pendenti. Is-Sindku informa li issa dan il-grupp qed jiġi kkoordinat mill-MOT, sabiex b'hekk dawk kollha involuti jkunu qed jaħdmu fuq l-istess linji.

46.2.8. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għall-minuta 45.3.7 li titratta rigward tpoġġija tal-*boom.* Is-Sindku informa li l-MFT ipproponew li titressaq għan-naħa l-oħra tal-pjattaforma. Il-Kunsill ippropona li din issir fl-ispazju ta Wesgħa Carmelo Caruana, b'hekk tkun tista' tintuża wkoll għas-St. Peter's Football Club. Is-Sindku informa l- MFT ser tikkunsidra din il-proposta.

46.2.9. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għall-minuta 45.4.3 li tirrigwarda tindif ta' ġebel minn art fi Triq tal-Ġebel. Huwa informa li l-ġebel imsemmija jinsabu ġo għalqa privata, huma ta' individwu privat u għaldaqstant mhu ser tittieħed l-ebda azzjoni. Il-Kunsill qabel li jekk hemm ġebel fit-triq, jinġabru.

46.2.10. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għall-minuta 45.4.6 li tirrigwarda immaniġjar tat-Traffiku fi Triq F.M. Ferretti. Huwa informa li din il-materja ġiet mgħoddija lill-Perit. Il-Viċi Sindku irrimarka li il-Kunsill m'għandux jingaġġa lill-Perit bla bżonn, għax dawn ifisser spejjeż.

46.2.11. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għall-minuta 45.10.1 li tirrigwarda immaniġġjar tat-traffiku għal Triq il-Batterija. Huwa informa li din il-materja ġiet mgħoddija lill-Perit.

46.2.12. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għall-minuta 45.4.12 li tirrigwarda spazju miftuħ ħdejn ir-ristorant Ferretti. Huwa informa li din il-materja ġiet mgħoddija lill-Perit. Il-Kunsill innota li tali proposta ser timblokka aċċess, u għaldaqstant il-Kunsill qabel li din il-proposta ma titkomplix.

46.2.13. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-materja 45.2.12, u rrimarka li x-xogħol f'Bengħisa għadu għaddej. Is-Sindku informa dwar ċertu dewmien minħabba li qed jinbidlu s-servizzi kollha.

46.2.14. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-materja 45.2.14 u rrimarka li l-festa qed toqrob, u l-Kunsill għadu ma ltaqax biex jiddiskuti din il-materja fid-dettal, anke in

vista tar-rapport tas-Saħħa u Sigurta' li sar. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa bejn il-Kunsillieri interessati l-ġimgħa ta wara.

46.2.15. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-materja 45.2.16 li titratta Triq Kalafrana, u staqsa jekk bediex ix-xogħol. Is-Sindku informa li din it-triq ser issir mill-Freeport

46.2.16. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-materja 45.4.2, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa kien infurmat fin-negattiv. Il-Kunsill qabel li fil-laqgħa li jmiss tiġi diskussa l-possibilta' li Triq Żarenu Dalli tingħalaq waqt il-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tat-tfal mill-iskola.

46.2.17. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-materja 45.4.7 li tirrigwarda l-flus li l-Freeport jagħti lill-għaqdiet, u staqsa jekk il-Kunsill irċeviex l-informazzjoni. Huwa kien infurmat fin-negattiv.

46.2.18. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-materja 45.4.11 li titratta ilma qiegħed fħdejn il-pont tal-Bajja s-Sabiħa. Is-Sindku informa li hemm bżonn li dan il-punt jiġi diskussa mall-GHRC biex issir verifika meta dan ix-xogħol ser isir.

46.2.19. Il-Kunsilliera JBD irrimarkat li xi ħadid milli twaħħal fil-prominad tal-Qajjenza qed jerġa jinqala. Is-Sindku informa li dan qed jinqala minħabba li ma laħaqx il-livell ta kwalita' mitlub.

46.2.20. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 45.2.7 li titratta twaħħil ta' kamera fi Triq il-Fossili, u staqsa jekk kienx hemm risposta. Huwa kien infurmat fin-negattiv.

46.2.21. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 45.15 li titratta applikazzjoni għall-immaniġġjar tat-traffiku, u staqsa jekk kienx hemm progress. Huwa kien infurmat li ser issir verifika.

## 46.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

46.3.1. Is-Sindku JC ressaq korrispondena mibgħuta mis- Sinjura Josephine Felice Pace li titratta l–gremxula tal-ġebel li nsab f'Dawret Qalb Imqaddsa, fejn talbet li l-Kunsill sabiex ma jiddisponix mil-monument

46.3.1.1. Il-Kunsill ippreciza li is-Sinjura irreferiet għall-ornament f'ġebla tal-franka li sar ftit tas-snin ilu minn numru ta' studenti.

46.3.1.2. Il-Kunsill innota li dan mhux monument, mhux skedat, mhux ta' xi preġju jew valur.

46.3.1.3. Il-Kunsill innota li dan l-ornament huwa mmermer, u baqa' biss forma, bla disinn.

46.3.1.4. Il-Kunsill innota li l-Perit irrakkomanda li l-Kunsill jiddisponi minn dan l-ornament

46.3.1.5. Wara diskussjoni libera, il-Kunsillieri preżenti kollha, eskluż il-Kunsillier AC qablu li x-xogħol għandu jkompli kif pjanat, u dan l-ornament mmermer, jintrema.

46.3.2. Is-Sindku JC ressaq talba minn residenti fi Triq Santa Katerina fejn talbu sabiex jiġu immarkati spazji ta' parkeġġ għall-muturi bejn Triq San Mikiel u Triq it-Tankijiet.

46.3.2.1. Il-Kunsill qabel.

46.3.3. Is-Sindku JC fakkar dwar risposta mill-Awtorita tal-Ippjanar fir-rigward tal-*Planning Gain* marbuta mal-applikazzjoni PA5548/10 – Proposed Malta International airport Master Plan.

46.3.3.1. Il-Kunsill wera disapprovazzjoni fuq ir-risposta riċevuta, fejn il-Kunsill ta' Birżebbuġa ma ġiex inkluż.

46.3.3.2. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra bl-avukat, sabiex Birżebbuġa tkun inkluża u tingħata dak li jistħoqqilha, ġaladarba parti mill-propjeta' tal-Ajruport qegħda fil-konfini ta' Birżebbuġa.

46.3.4. Is-Sindku JC informa li l-Kunsill ser ikun qed jingħata l-fondi sabiex issir parti minn Triq il-Brolli skont l-applikazzjoni sottomessa.

46.3.5. Is-Sindku JC informa li inżammet laqgħa dwar l-investiment li ser isir fil-piċċ tar-ramel tal-Bajja s-Sabiħa, fl-uffiċċju tal-MTA.

46.3.5.1. Huwa informa li l-investiment ta tkabbir tal-piċċ ser isir iffinanzjat kollu mill-MTA. Huwa informa wkoll li x-xogħol huwa ppjanat li jibda fil-ġranet li ġejjin, sabiex jilqa' fih tournament tal-futbol f'Ġunju.

46.3.6. Is-Sindku JC ressaq talba mibgħuta mill-Klabb tar-Regatta sabiex il-Kunsill jissapportja l-attivita' taċ-Ċelebrazzjonijiet tar-Regatta tar-rebħ tax-*shield*.

46.3.6.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jagħti is-sostenn tiegħu f'din l-attivita, permezz ta' tindif, sigurta' u ordni, immaniġġjar tat-traffiku, u xi armar, sa €1,500.

46.3.6.2. Il-Kunsill qabel ukoll li f'każ ta' talbiet oħra simili, il-Kunsill għandu jevalwa każ, każ, skont iċ-ċirkostanzi.

46.3.7. Is-Sindku JC ressaq diversi korrispondenza mibgħuta mis-Sur Raymond Cassar, rigward *unloading* tal-*bowser*.

46.3.7.1. Il-Kunsill qabel unanimament mar-risposti mgħotija diġa' mis-Segretarju Eżekuttiv, u qabel li kollox għandu jibqa' kif inhu sakemm ma jkunx hemm direzzjoni mill-Awtorita' kompetenti mod ieħor.

46.3.8. Is-Sindku JC ressaq talba mingħand Birżebbuġa St Peter's Football Club, sabiex jingħata permess juża parti mis-sit f'Wesgħa Carmelo Caruana għal skopijiet ta' *Fund Raising*.

46.3.8.1. Il-Kunsill qabel li m'għandux oġġezzjoni, suġġetta għal permessi oħra neċessarji.

46.3.9. Is-Sindku JC informa dwar l-andament tax-xogħlijiet tat-trinka li qed issir marbuta mal-*cable* tal-Enemalta.

46.3.9.1. Il-Kunsill qabel li għandha ssir pressjoni sabiex Triq Żaren Dalli tibqa miftuħa.

46.3.9.2. Il-Kunsill qabel li għandha ssir koordinazzjoni mal-kuntrattur, sabiex sal-Ħamis ma jidħolx fiż-żona ta' fejn jarma l-monti.

46.3.9.3. Il-Kunsill qabel li l-monti jiċċaqlaq temporanjament għal Triq San Mikiel, Triq San Pietru, u Triq it-Tankijiet, kif kienu fil-passat.

46.3.10. Is-Sindku JC tkellem dwar suġġeriment minn resident sabiex Triq San Mikiel, il-parti ta' fejn hemm il-*petshop* issir two-way, liema suġġeriment sar permezz ta' korrispondenza mis-Sur Aaron Gusman.

46.3.10.1. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta, minħabba li din saret direzzjoni waħda ħabba raġunijiet ta' sigurta' għas-sewwieqa.

## 46.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

46.4.1. Il-Viċi Sindku staqsa lis-Sindku dwar il-bżonn li jitwaħħlu tabelli indikattivi fejn saru stallazzjonijiet ta' *bike racks*. Is-Sindku u l-Kunsillieri qablu.

46.4.2. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar il-possibilta' li jitwaħħlu *U shape barriers* fi Triq San Ġwann, quddiem residenza minħabba raġunijiet ta saħħu u sigurta'. Il-Kunsill innota li tali stallazzjoni tirristrinġi l-aċċessibilta tal-binkina, minħabba li diġa hija dejqa.

46.4.3. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar jekk il-Kunsill jistax jgħażel jindika żona għall-għawm tal-klieb. Huwa kien infurmat li ser issir verifika.

46.4.4. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar il-possibilta' li jiġu mmarkati linji ta' parkeġġi fi Triq il-Kostituzzjoni. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

46.4.5. Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku meta ser isiru t-toroq il-ġodda iffurmati fiż-żona tal-Papa. Is-Sindku informa li dawn isiru wara li jitlesta tal-inqas 70% tal-kostruzzjoni.

46.4.6. Il-Kunsilliera JBD ġibdet l-attenzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Prim Ministru sabiex l-Imħallef Joseph Azzopardi jinħatar Prim Imħallef, u issuġġerit li jiġi rikonoxxut f'Jum Birżebbuġa. Il-Kunsill qabel.

46.4.7. Il-Kunsilliera LAG staqsiet lis-Sindku dwar il-parkeġġ ta' Misraħ il-Pajtier u staqsiet meta ser jitlestew il-linji. Is-Sindku wieġeb li tneħħew l-ostakli tal-kantuniera, u hu tal-opinjoni li s-sinjali jibqgħu kif inhuma. Il-membri innotaw li l-Kunsill diġa qabel li s-senjalazzjoni għanda tiġi irranġata. Is-Sindku informa li ser jieħu ħsieb.

46.4.8. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-proġett tal-Bust ta' San Ġorġ Preca u staqsa jekk ġietx iffissata l-laqgħa. Huwa kien infurmat li intalbet il-laqgħa mal-Oil Tanking.

46.4.9. Il-Viċi Sindku JB irrimarka li fi Triq F.M. Ferretti, il-Qajjenza, hemm *zebra crossing* bid-dwal indikattivi fin-nofs, u l-bankina mhux aċċessibli. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol neċessarju biex din issir kif suppost.

## 46.5 Rapporti;

46.5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Management Letter riċevuta mill-Udituri, u r-risposta abbozzata għal dan ir-rigward.

46.5.1.1. Il-Kunsilliera JBD ressqet mozzjoni favur l-approvazzjoni tar-risposta lill-Udituri, kif preparata mis-Segretarju Eżekuttiv, issekondata mill-Kunsilliera LAG. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 46.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

46.6.1. Ma kienx hemm rapporti mressqa.

## 46.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

46.7.1. Is-Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 04/18 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

46.7.1.1. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal pagament numru 53. Huwa kien infurmat li dan huwa l-Auditor's Report rikjest għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' Fondi Ewropej taħt Miżura 4.3 – Toroq Rurali.

46.7.1.2. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal pagament numru 55. Huwa kien infurmat li dan huwa l-arblu li intuża għall-kamera ta Wied il-Buni.

46.7.1.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier SZ u ssekondata mill-Kunsilliera JBD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur nem con.

46.7.2. Il-Sindku JC ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Marzu 2018 bir-riferenza 03/2018 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

46.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JB u ssekondata mill-Kunsillier AC, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 46.8 Mozzjonijiet;

46.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 46.9 Applikazzjoni ta' Żvilupp;

46.9.1. Il-Kunsill innota applikazzjoni bin-numru PA 09200/17 li tirrigwarda żvilupp ta' Ġnien f'Wied il-Buni mill-Freeport, fiż-żona ta' fejn hemm il-parkeġġ preżenti.

46.9.1.1. Il-Kunsill innota li huwa diġa' ppropona li jsir parkeġġ f'din iż-żona, u il-Kunsill jinsab fil-pussess tal-permessi relevanti.

46.9.1.2. Il-Kunsillier SZ irrimarka li dan il-proġett ġie imħabbar mill-Ministru Konrad Mizzi, mingħajr konsultazzjoni mal-Kunsill.

46.9.1.3. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill imwiegħed li jsir parkeġġ alternattiv ta' żewġ sulari fiż-żona biswit.

46.9.1.4. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li l-ewwel għandu jsir il-parkeġġ, u wara jsir investiment ieħor.

**NB: 8.21 pm. Il-Kunsilliera LAG talbet li tkun skużata.**

46.9.1.5. Il-Kunsill qabel li tintalab laqgħa mal-Onorevoli Konrad Mizzi sabiex jiġi diskuss dan il-permess.

**NB: 8.30 pm. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir estensjoni tal-laqgħa**

46.9.1.6. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill għandu jagħmel sottomissjoni fejn jirriserva d-dritt għal iktar sottomissjonijiet.

46.9.2. Il-Kunsill innota applikazzjoni bin-numru PA 02814/18 li tirrigwarda *Dodgem Luna Park* fil-parkeġġ ta' Wied il-Buni.

46.9.2.1. Il-Kunsill qabel li ssir sottomissjoni bħalma saret fis-snin preċedenti.

## 46.10 Offerti Pubbliċi;

46.10.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar ir-riċerka li għamel fir-rigward tax-xiri ta vettura għal Kunsill

46.10.1.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li toħroġ sejħa għall-vettura wżata, bil-garanzija, u f'każ li s-sottomissjonijiet ma jkunux ta' livell adekwat, il-Kunsill joħroġ sejħa għall-vettura ġdida.

46.10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport tal-evalwazzjoni tal-offerta għall-servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff b'metodu favur l-ambjent, fejn il-Bord irrakkomanda li tingħata lil irħas offerent li jissodisfa l-kriterji stabbiliti, li huwa Christopher Bezzina bil-prezz ta €2.45 exc vat kull residenza. Il-Kunsill laqgħa r-rakkomandazzjoni tal-Bord unanimament

46.10.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-Rapport tal-Evalwazzjoni tal-Offerta għall-Servizz ta' *Tipper Van* b'metodu favur l-ambjent, fejn il-Bord irrakkomanda li tingħata lil irħas offerent li jissodisfa l-kriterji stabbiliti, li huwa Charles Fenech, bil-prezz ta' €56 exc vat kull ġurnata. Il-Kunsill laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Bord unanimament

46.10.4. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-Rapport tal-Evalwazzjoni tal-Offerta għall-Servizz ta' Qtugħ ta' Ħaxix u Żamma taż-Żoni mhux Urbani, fejn il-Bord irrakkomanda li tingħata lil irħas offerent li jissodisfa l-kriterji stabbiliti, li huwa Christopher Bezzina, bil-prezz ta' €8499 exc Vat fis-sena. Il-Kunsill laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Bord unanimament.

## 46.11 Street Lighting;

46.11.1. Il-Viċi Sindku JB ippropona stallazzjoni ta' lampa ġdida f'Misraħ il-Knisja, kantuniera ma' Triq il-Brolli.

46.11.1.1. Il-Kunsill qabel unanimament.

46.11.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar talba li rċieva għall-stallazzjoni ta' bozza fi Triq il-Brolli fejn Villa Leonard fejn hemm il-kisra tal-Gasparell.

46.11.2.1. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 46.12 Attivitajiet tal-Kunsill;

46.12.1. Is-Sindku fakkar li Jum Birzebbuga ser isir fis-16 ta' Settembru 2018. Il-Kunsill qabel li jsir program filgħaxija, ġewwa s-Sala tal-Iskola.

46.12.2. Il-Kunsill iddiskuta l-attivita' tar-Regatta. Il-Kunsill qabel li din għanda issir fit-30 ta Ġunju. Il-Kunsill qabel ukoll li jitqabbad ko-ordinatur sabiex jassisti f'din l-attivita', bl-irwol tiegħu ikun limitat.

## 46.13 Financial Statements 2017;

46.13.1. Is-Sindku JC ressaq il-Financial Statements tas-Sena 2017, kif aġġustati mill-Udituri tal-Kunsill Lokali li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrat bħala moqrija.

46.13.2. Il-Viċi Sindku JB ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera JBD favur l-approvazzjoni tal-Financial Statements kif aġġustati. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 46.14 Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart tas-Sena;

46.14.1. Is-Sindku JC ressaq ir-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart tas-Sena 2018 li ġie iċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġie unanimament ikkunsidrat bħala moqri.

46.14.2. Il-Kunsillier SZ ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier AC favur l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju imsemmi. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 46.15 Devoluzzjoni tal-Berġa;

46.15.1. Is-Sindku JC informa dwar laqgħa li inżammet ma' rapprezentanti tal-Kura Primarja fejn ġiet diskussa l-possibilta' ta' Devoluzzjoni tal-Berġa tal-lokalita'.

46.15.2. Is-Sindku informa li jekk il-Kunsill jaqbel ma tali devoluzzjoni, il-Kunsill ikun irid jipprovdi għal spazju minn fejn joperaw żewġ professjonisti, spejjeż rikorrenti amministrattivi sabiex jitħaddem il-post.

46.15.3. Is-Sindku informa li sabiex dan isir, id-Dipartiment tal-Kura Primarja se jalloka is-somma ta' mhux iktar minn €10,000 għall-Kunsill Lokali sabiex ikun jista jsir l-addattament tal-post u l-istess Dipartiment jipprovdi wkoll l-apparat kollu neċessarju

46.15.4. Il-Kunsill qabel li jilqa' tali devoluzzjoni u jalloka ż-żewġt ikmamar tat-tieni sular għal dan l-użu.

## 46.16 Ġemellaġġ mal-Belt ta' Pingtan;

46.16.1. Is-Sindku tkellem dwar id-delegazzjoni Ċiniża mill-Belt ta' Pingtan, li kienet mistiedna mill-Kunsill, intenzjonata għall-ġemellaġġ.

46.16.2. Is-Sindku informa li waqt din il-laqgħa, ingħatat introduzzjoni, u wara saret ġita madwar xi postijiet ta' interess fil-lokalita', fosthom fuq l-art tal-ex-Depot 31 ta' Marzu, fejn hemm l-intenzjoni da parti tad-Delegazzjoni li jsir investiment, flimkien mal-Gvern Malti.

46.16.3. Wara diskussjoni libera, is-Sindku JC ressaq mozzjoni favur li jibda l-proċess formali li għandu jwassal għall-ġemellaġġ ma' din il-belt. Il-Kunsillier AC issekonda l-mozzjoni. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

46.16.4. Il-Kunsill qabel li s-Sindku JC ikun il-persuna responsabbli minn dan il-Ġemellaġġ.

## 46.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

46.17.1. Il-laqgħa intemmet fit-9.20 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn 21 ta' Mejju, 2018 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 21 ta' Mejju, 2018.

| | |
|---|---|
| [Iffirmat] | [Iffirmat] |
| Joseph Baldacchino | Svetlick Flores |
| Viċi Sindku | Segretarju Eżekuttiv |